MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Numru 131/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Agius)**
**vs**
**Gilbert Degabriele**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Gilbert Degabriele** ta' 21 sena, bin Joseph u Natalina nee' Balzan, imwieled Pieta nhar il-15 ta' Gunju, 1984, residenti f'numru 36, Triq l-erbatax ta' Dicembru, 1945 Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 576884(M);

Talli fl-4 ta' Jannar,2006 ghall-habta ta' 15:45 hrs fl-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun –
(1) attakkajt jew ghamilt resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra, li ma titqiesx vjolenza pubblika fuq il-persuna tal-Ispettur Joseph Agius u PS 1386 A. Agius,

filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-Ligi jew t'ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, bi ksur tal-Art. 96 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) talli fl-istess jum lok u cirkostanzi volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, billi ghamilt hsara fuq vettura tal-marka Chevrolet Lancetti, bin-numru tar-registrazzjoni KBH-396, liema hsara tiskorri il-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira, ghad-dannu ta' Paul Galea minn Hal-Ghaxaq, bi ksur tal-Art. 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied fil-pubbliku, bi ksur tal-Art. 338 (dd) u Art. 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) u aktar talli inti recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta' Gunju, 2004 (tlett snin probation) moghtija mill-Magistrat Jacquline Padovani Grima LL.D u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 t'April, 2005 moghtija mill-Magistrat Anthony Vella LL.D;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba sabiex taplika l-artiklu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-istess Paul Galea.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz ikun trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk isib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 96(a), 325(b), 338(dd), 339(c), 49 u 50 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat u semghet lill-partijiet, il-Qorti hi tal-fehma, minkejja l-akkuzi ta' recidiva, illi l-imputat ghadu jibbenifika mill-provedimenti tal-Kap 446, u ghalhekk wara li staqsiet lill-imputat jekk kienx dispost joqghod tahht kundizzjonijiet, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lunm skond l-art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------